**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 27 ta' Frar 2001.

Pulizija
Spettur Walter Spiteri

Vs

Stefan Cutajar
Clint Seisun

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Stefan Cutajar ta' 16-il-sena, bin Joseph u Maria Iris mitwielda Cassar imwieled Pieta' u joqghod 18F, Triq Santa Marija Safi, bin-numru tal-karta tal-identita' 203984(M);

U kontra Clint Seisun ta' 15-il-sena bin Emanuel u Beneditta mitwielda Sammut imwieled Pieta''u joqghod 'Elvia Hse', Triq ta' Gawhar, Safi;

Talli fil-5 ta' Settembru 2000, ghall-habta tad-9.15pm, gewwa 'Venue Bar', Vjal Blue Grotto, Zurrieq, ikkommettew serq ta' telefon cellulari tal-marka Philips, valur ta' disghin lira maltin (Lm90) ghad-dannu ta' Kathleen Formosa miz-Zurrieq.

Wara illi rat l-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibhom hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma' jaghmlux reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll tordna illi l-ismijiet tal-imputati ma' jigux imxandra, u dan minhabba l-eta' zghira taghhom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

MAGISTRAT.